**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 66/2018**

**Illum: 18 ta' Gunju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Ellie Briffa**
**(ID 356793(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Ellie Briffa ta' 24 sena, bint Nazzareno u Josephine nee` Agius, imwielda gewwa l-Pieta` nhar l-10 ta' Awwissu 1993, residenti gewwa l-fond numru 18, Triq Tumas Dingli, Mosta, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 356793(M);

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar it-2 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni filghodu minn gewwa Rizzo Service Station, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, ikkommettiet serq

aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Duncan Rizzo u/jew persuni jew entitajiet ohra, Art. 261(f), 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli nhar it-3 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni filghodu minn gewwa Rizzo Service Station, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, ikkommettiet serq aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Duncan Rizzo u/jew persuni jew entitajiet ohra, Art. 261(f), 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli nhar it-18 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni fil-ghodu minn gewwa Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Msida kkommettiet serq aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Carmel Mifsud u/jew persuni jew entitajiet ohra, Art. 261(f), 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzata wkoll talli nhar il-25 ta' Marzu 2018 ghall-habta ta' l-22.30 hrs gewwa Birkirkara ma obdietx l-ordnijiet legittima tal-awtorita` jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallietux jew fixklitu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, Art. 338(ee) tal-Kap. 9;

5. Akkuzata wkoll talli nhar it-3 ta' April 2018 gewwa dawn il-gzejjer kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli nhar it-2 ta' April 2018 u anke matul ix-xhur ta' qabel, naqset milli thares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet moghti mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., li permezz tieghu hija nghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma tikkommettix reat iehor u li tiffirma gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara kuljum, kif ukoll diversi kundizzjonijiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht [garanzija] ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li titratta mal-imputata bhala recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilha, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata u fid-dawl tal-provi mressqa, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni pjuttost bikrija tal-imputata, kif ukoll illi hija kkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni dwar dan il-kaz, kif jidher ampjament mill-istqarrija rilaxxjata minnha nhar it-3 ta' April 2018.

Qieset ukoll min-naha l-ohra, in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, kif ukoll ghal fini tal-hames imputazzjoni, il-piz tas-sustanza eroina ossia 4.8 grammi b'purita` ta' cirka 10% u li skont l-istess imputata, din kienet kemm ghall-uzu taghha, kif ukoll ghall-uzu ta' terza persuna. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputata, mil-liema jirrizulta illi hija nstabet hatja ta' pussess semplici

tad-drogi eroina u kokaina u ta' tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, dwar liema hija tqieghdet taht Ordni ta' *Probation*. Jirrizulta wkoll mill-istess fedina penali illi sussegwentement, dwar l-istess reati l-imputata giet ikkundannata ghal tliet xhur prigunerija u l-Ordni ta' *Probation* ma baqghetx fis-sehh. L-imputata giet misjuba hatja wkoll talli kisret il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u giet ikkundannata piena pekunjarja.

Il-Qorti qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt fil-konfront tal-istess imputata, mil-liema jirrizulta illi hija ghandha problema serja ta' droga u illi bdiet tikkonsma d-droga ta' eta` tenera hafna. Jidher ukoll illi kienet u ghadha din il-problema ta' droga li wasslet u qeghda twassal lill-imputata fi skontri mal-gustizzja u li b'rizultat taghha wettqet ir-reati li qeghda tigi akkuzata bihom fil-kaz odjern. In oltre jirrizulta mill-istess rapport, illi ghalkemm l-imputata ma kellhiex tfulija felici b'rizultat tal-ambjent familjari li trabbiet fih, saru diversi tentattivi mill-varji professjonisti li segwewha matul iz-zmien sabiex hija tindirizza l-problema taghha, izda hija qatt ma wriet l-icken motivazzjoni sabiex teghleb il-vizzju tad-droga u tirradrizza hajjitha. Fiz-zmien qabel l-arrest taghha f'dan il-kaz, hija kienet qeghda tghix hajja instabbli u minghajr kontroll fejn tidhol id-droga u dan minkejja li ftit tax-xhur qabel hija kellha tarbija li prezentement jinsab fil-kura ta' terzi persuni, wara li nharget Ordni tal-Harsien fil-konfront tieghu. Skont l-istess rapport, f'dan l-istadju l-imputata qeghda tirrejalizza li jehtieg illi tindirizza l-vizzju tad-droga u ssostni li tixtieq illi tidhol fi programm ta' rijabilitazzjoni, bil-ghan li tahdem sabiex tiehu lura l-kustodja ta' binha. Skont l-Ufficjal tal-*Probation* li rredigiet dan ir-rapport, hemm il-bzonn illi l-imputata tkun f'kuntatt ma' Agenzija li toffri l-ghajnuna dwar il-vizzju ta' droga sabiex l-imputata tkun tista' tindirizza b'impenn il-vizzju taghha, u ssib impjieg stabbli sabiex izzomm 'il boghod mill-kriminalita` u jkollha struttura f'hajjitha. Ghalhekk, l-istess Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat illi l-imputata tinghata piena karcerarja effettiva flimkien ma' Ordni ta' Trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex jigi zgurat illi tibda u tispicca programm residenzjali bl-ghan illi tindirizza l-problema tad-droga.

Tqis fid-dawl ta' dan kollu, illi l-imputata ghandha tinghata piena karcerarja effettiva anke sabiex taghraf illi ma tistax tibqa' tghix f'din il-hajja minghajr ma tiffaccja l-konsegwenzi tal-agir kriminuz taghha. Kif inghad, l-imputata kellha diversi opportunitajiet sabiex tindirizza l-vizzju tad-droga, izda minkejja dan qatt ma wriet motivazzjoni sabiex taghmel dan, lanqas meta kienet qeghda tistenna tarbija, jew wara li welldet. Madankollu, kif rakkommandat mill-Ufficjal tal-*Probation*, il-Qorti tqis ukoll illi jkun ferm ghaqli illi l-imputata terga' ghal darb'ohra tinghata opportunita` sabiex tindirizza din il-problema, bit-tama illi

finalment tirrikonoxxi illi m'ghandhiex triq ohra hlief illi taghmel dan, kemm ghall-gid taghha, kif ukoll ghall-gid ta' binha.

In kwantu l-piena karcerarja, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, fir-rigward tal-piena applikabbli ghall-ewwel tliet imputazzjonijiet u ghall-hames u s-sitt imputazzjonijiet. Ghal fini ta' piena, qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tar-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti tqis ukoll dik il-parti tat-trattazzjoni finali tad-difiza, fejn l-abbli difensur sostna illi l-istess difiza kienet tkellmet dwar il-piena mal-Prosekuzzjoni u ssuggerixxa illi piena ta' disa' xhur prigunerija effettiva ghandha tkun wahda idonea. Issa f'dan ir-rigward, ai termini tal-Artikolu 392A(6) tal-Kap. 9, il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe ftehim informali dwar piena li jkun sar bejn il-partijiet, la darba l-ftehim ma jkunx sar skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A(5) tal-istess Kapitolu u allura ma jkunx wiehed informali, liema disposizzjonijiet appena msemmija huma rezi applikabbli ghall-Qorti fil-kompetenza taghha qua Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-Artikolu 370(6) tal-Kodici Kriminali.

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tirrileva illi l-piena dwar is-serq aggravat bil-hin, fit-termini tal-Artikolu 281(a) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn seba' xhur sa sentejn, li allura meta mizjuda bi grad fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-istess Kodici, titla' ghal dik ta' prigunerija ghal zmien minn disa' xhur sa tliet snin, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kap. 9. Jekk imbaghad wiehed izid zewg gradi, din il-piena tizdied ghal zmien minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Dan apparti l-piena fir-rigward tas-sitt imputazzjoni li, skont l-Artikolu 579(2) hija dik ta' multa jew prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u l-prigunerija flimkien. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, il-piena ta' prigunerija tista' tinzel ghal zmien ta' xahrejn sa sena (nofs il-piena). Ghalhekk apparti illi, kif inghad, il-Qorti tqis illi piena ta' prigunerija f'dan il-kaz hija wahda idonea, il-minimu ta' prigunerija li tista' teroga f'dan ix-xenarju ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjonijiet huwa dak ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva. In oltre dan meta l-Qorti m'hijiex qeghda zzid il-piena fid-dawl tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9. Jifdal ukoll il-hames imputazzjoni, li fir-rigward taghha, il-Qorti qeghda timponi wkoll piena ta' prigunerija, izda kif imnaqqsa bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b) u (d), 18, 31, 49, 50, 261(f), 270, 281(a), 338(ee) u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u qed tikkundannaha ghall-piena ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva, mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li fih il-hatja nzammet taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin mil-lum bil-ghan illi teghleb il-vizzju tad-droga u dan billi fost ohrajn, tibda u tlesti programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li jipprovdu programmi ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u dan dejjem skont kif rakkomandat lilha mill-professjonisti li ser ikunu qeghdin isegwuha, inkluz billi tibqa' f'dan iz-zmien f'kuntatt mal-Agenzija koncernata u anke thalli kampjuni tal-urina ghal testijiet ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, kif ukoll lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sabiex il-hatja tinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex teghleb il-vizzju tad-droga.

In oltre ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest taht garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit tal-11 ta' April 2012, ossia s-somma ta' mitt ewro (€100) in kwantu depositu u s-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) in kwantu garanzija personali, b'kollox ghalhekk is-somma ta' hmistax-il elf u mitt ewro (€15,100). Ghaldaqstant, qeghda tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-hatja f'dawk il-proceduri.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna l-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert il-Professur Emanuel Sinagra f'dawn il-proceduri, ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u tmenin ewro, erbgha u erbghin centezmu (€186.44), liema somma ghandha tithallas mill-hatja fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument MM12, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba hija ma toqghodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat